

**Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2016/C 146/06)



*Il-wiċċ nazżjonali tal-munita k commemorattiva l-ġdida ta' 2 euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Franza*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u l-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti k commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikulari li tintuża biss id-denominazzjoni ta' EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fih disinn k commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż emittenti:** Franza

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** François Mitterrand

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Id-disinn jirrappreżenta l-profil ta' François Mitterrand qed jirrifletti. Fuq il-ġenb, is-simbolu personali tiegħu, siġra tal-ballut u taż-żebbuġ flimkien. Id-disinn huwa mdawwar fuq in-naħa ta' fuq bid-dati taċ-ċentenarju tat-twelid tiegħu ("1916" u "2016") kif ukoll b'ismu. Fuq in-naħa t'isfel, l-indikazzjoni tal-pajjiż emittenti "RF".

Iċ-ċirku estern tal-munita jirrappreżenta t-tnaħ-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 10 miljuni

**Data tal-ħruġ:** Ottubru 2016

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).